MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2005

Talba Numru. 1239/2003

**Interpharma Company Limited**

**Vs**

**Sebastiano Calabretta u b'digriet tat-22 ta' Settembru 2003 giet kjamata in kawza is-socjeta` "Ocsedet Ltd"**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 ta' Gunju 2003 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm709.66 (seba` mija u disa` liri Maltin u sitta u sittin centezmu) rappresentanti prezz ta' prodotti farmatewtici mibjugha lil-konvenut.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' (Lm709.66) seba` mija u disa` liri Maltin u sitta u sittin centezmu rappresentanti prezz ta' prodott farmatewtici mibjugha lill-

konvenut fuq struzzjonijiet tieghu stess; liema ammont huwa bilanc ta’ ammont akbar li ghalih kien nharrgu hames cekkijiet favur l-istess socjeta` attrici u li ebda wiehed minnhom ma kien gie onorat mill-Bank.

Bl-ispejjes inkluza dawk tal-ittri legali tal-10 ta’ Ottubru 2002 u tat-12 ta’ Gunju 2003 u tal-Mandat ta’ Qbid ppresentat kontestwalment u bl-imghax legali mid-data ta’ kull fattura relattiva kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-

Fl-ewwel lok is-socjeta` attrici ghandha tipprezenta id-dokumenti kollha li jiggustifikaw it-talba taghha senjament min ghamel l-ordni tal-prodott u min ghamel l-ordni tal-prodott u min ircevihom.

Fit-tieni lok il-konvenut personalment ma ghandu jaghti xejn lis-socjeta` attrici. Huwa kien biss impjegat fl-M4 pharmacy li tappartjeni lis-socjata` Ocsedet Ltd. Il-prodotti farmacewtici in kwistjoni kienet ordnata f’isem u ikkonsenjata lill M4 Pharmacy u ghalhekk kull ammont li jista ikun dovut huwa dovut mis-socjeta` Ocsedet Ltd.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi jirrizulta li l-konsenji saru gewwa l-M4 Pharmacy Attard. Kien ikun prezenti l-konvenut. Meta inqalghu l-problemi, sar ftehim mal-mara tieghu dejjem f'isem l-M4 Pharmacy. Anki c-cheques esibiti nhargu fuq kont ta' M4 Pharmacy, mhux il-konvenut personali. Una volta l-pagamenti kienu qed isiru ma nqalaw l-ebda problemi. Hadd ma jsaqsi xejn. L-aqwa li jsiru l-ordnijiet u jithallsu. Fil-mankanza tal-pagament, is-socjeta’ attrici messha ndagat aktar dwar il-personalita' guridika tad-debitur taghha. Vera li kien hemm il-konvenut – xi hadd irid ikun hemm. Pero' ma jfissirx li huwa d-debitur u jassumi r-responsabbilta ghal hlas.

Is-socjeta’ attrici messha ndunat minn kien il-propju debitur verso lejha. Gie stabbilit mill-konvenut li d-debitu hija s-socjeta’ kjamata fil-kawza. Di fatti anki ammettiet l-obbligu tal-pagament fir-risposta taghha. Ma naqsitx mir-responsabbilta taghha.

Illi l-ammont reklamat (vide cheques mhux onorati), mhux kontestat u qed jigi akkordat. Jiddeciedi billi fil-waqt li jirriserva lil- konvenut mill-osservanza tal-gudizzju jichad l-eccezzjonijiet tal-kjamata fil-kawza, jilqa' it-talbiet attrici u jikkundanna lis-socjeta’ Ocsedet Ltd biex thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta' Lm709.60 bl-ispejjes u nteressi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------